KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 40/8/194/22

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 40

*L-Erbgħa 24 ta' Awwissu 2022*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċċju l-antik tal-Kunsill Lokali Paola fi Pjazza Antoine De Paule Paola, nhar l-Erbgħa 24 ta' Awwissu 2022. Il-laqgħa kienet skedata għal-4.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsillier Bartolo talab li jkun skużat minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw l-apoloġija bħala ġustifikata.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 39 ġew approvati *nem com.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Talba mingħand l-Għaqda Pellegrinaġġ Muturi u roti Żabbar għal *no objection letter* sabiex il-pellegrinaġġ tar-roti/muturi tal-Madonna tal-Grazzja jgħaddi minn Raħal Ġdid. Il-membri approvaw it-talba.

3.2. Korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li qed tinforma lill-Kunsill illi l-applikazzjoni għar-restawr tan-niċċa ta' San Ġużepp ma ġietx aċċettata fid-dawl illi ma kienitx ppreżentata ittra mingħand is-sid li ma jsibx oġġezzjoni li tiġi restawrata in-niċċa. Is-Segretarju Eżekuttiv żied li is-sid ma setgħax jinstab u d-dar kienet vojta però huwa kien informa b'dan anke lid-Diviżjoni.

3.3. Korrispondenza mingħand Transport Malta li qed tinforma lill-Kunsill li l-Awtorità ser tkun qed tipproċedi bl-implementazzjoni ta' *un/loading bay* fi Triq il-Qalb ta' Ġesù. Is-Sindku qal li dan normalment isir wara li l-Kunsill ikun infurmat u mhux sewwa li mhux qed jintlaħaq bilanċ bejn il-ħwienet u r-residenti. Kompla li apparti min hekk il-Kunsill għadu kemm approva li ssir *un/loading bay* ftit l-isfel fi Triq Żabbar li tkun doppja. Wara diskussjoni il-membri qablu li jibgħatu bl-avukat lill-Transport Malta fejn jitolbu illi:

- qabel ma jiġu pproċessati applikazzjonijiet li jirrigwardjaw parkeġġi fil-lokal, għandu dejjem jiġi ikkonsultat il-Kunsill sabiex jiġi żgurat li jintlaħaq bilanċ bejn il-bżonnijiet tar-residenti u l-interessi kummerċjali.

- Li qabel ikunu proċessati aktar un/loading bays ikunu diskussa mal-Kunsill is-suġġerimenti li diġa' tressqu li jinkludu skemi ta' parkeġġ għar-residenti u park and ride mil-parkeġġ taċ-ċimiterju tal-Addolorata.

- Li dawk l-*un/loading bays* li diġà saru kif ukoll dawk li ser jiġu approvati mill-Awtorità għat-Trasport fil-futur u li huma ta' tmien siegħat ikollhom erba' siegħat għall-un/loading u erbat siegħat għall-parkeġġ ta' ħmistax il-minuta għall-użu ta' min qed jinqeda mill-ħwienet.

## 4. ***Financial Statements-Management letter***

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lill-membri l-management letter wara li ġie konkluż il-proċess tal-awditjar tas-sena 2021. Il-Membri iddiskutew u approvaw ukoll ir-risposta tal-Kunsill.

## 5. **Proġett Norway Grants**

5.1. Is-Sindku informa lill-membri illi b'rabta mal-applikazzjoni tal-Kunsill għall-iskema ta' Norway Grants bil-proġett li jismu *Paola Urban Mobility and Accesibility*, ġie iffirmat il-kuntratt tax-xiri tal-Van Elettriku u aċċessibbli. Kompla illi il-kuntrattur informa lill-Kunsill illi l-vann għandu jasal minn barra lejn Jannar u Frar tas-sena id-dieħla. Għaldaqstant ippropona illi fid-dawl li dan jaħbat viċin tad-data li fiha irid ikun konkluż il-proġett, jiġifieri Frar 2023, ikun għaqli jekk tintalab estensjoni tal-proġett ta' sitt xhur sa Awissu 2023. Il-membri approvaw li titressaq din it-talba sabiex il-proġett ikun estiż.

## 6. **Skemi**

6.1. Is-Sindku qal li f'laqgħat preċedenti il-Kunsill kien qabel li ssir applikazzjoni għall-fondi bl-iskema Urban Greening, u bi pjaċir informa lill-membri li l-Kunsill ser jingħata l-massimu taħt l-iskema u l-fondi jmorru għall-Ġnien Tony Bezzina.

6.2. Is-Sindku kompla li wara Ġnien Tony Bezzina ikun imiss dak ta' San Alwiġi u għalhekk kompla li fid-dawl li kienet ser tagħlaq id-data tal-għeluq l-Kunsill ħadem ukoll fuq applikazzjoni marbuta mal-storm water catchment li qed tkun imexxija mir-Reġjun tal-Port li permezz tagħha intalbu l-fondi għall-proġett pjanat għall-ġnien San Alwiġi li ser jinkludi wkoll fih ġibjun għaż-żamma tal-ammont kbir ta' ilma tax-xita li jgħaddi fl-akwata.

6.3. Apparti min hekk is-Sindku kompla billi informa lill-membri illi kienet ħarġet ukoll skema bl-isem lokalitajiet sostenibbli u s-Segretarju Eżekuttiv qal li kien f'diskussjonijiet mal-konsulent tal-Kunsill Dr Malcolm Borg fejn kien diskuss kif tista' ssir applikazzjoni b'talba ta' €300,000 għall-istess ġnien San Alwiġi. Dan kif l-

istess ġnien ser ikun wieħed tassew sostenibbli. Il-membri approvaw li ssir din l-applikazzjoni.

7. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.1. Is-Sindku informa lill-membri illi tul il-ġurnata kien iltaqa' ma' rappreżentant tal-Għaqda Mużikali Kristu Sultan fejn kien diskuss ir-ritorn tal-attività Lejl f'Casal Paola hekk kif l-aħħar edizzjoni kienet saret fl-2019. Kompla li jidher li hemm interess mis-Soċjeta li terġa ssir u għaldaqstant huwa ppjanat li ssir fil-15 ta' Ottubru u jkollha it-tema ta' mużika Maltija u artiġjanat Malti. Il-membri qablu li ssir l-attività. Is-Sindku qal li sa laqgħa oħra jkollu aktar dettalji u jkun approvat ukoll l-baġit għall-attività.

7.2. Is-Sindku qal li ser jitkomplew ukoll l-attivitajiet għall-anzjani fejn ser issir ħarġa għal Għawdex għall-festa tal-Vitorja fix-Xagħra Għawdex. Kompla wkoll li fit-12 ta' Settembru ser jerġa jiftaħ iċ-ċentru ta' Anzjanità Attiva fis-sala tal-Kunsill.

8. **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

8.1. Il-Viċi Sindku xtaq jistaqsi dwar żebra crossing li kien hemm fi Triq Żabbar u issa m'għadiex tidher. Is-Sindku qal li dik kienet sargħet b'mod temporanju sakemm sar ix-xogħol fil-binja tal-kantuniera. Il-Kunsillier Axisa qal li tkun tajba żebra crossing/pelican crossing fl-istess parti. Is-Sindku qal li billi hemm waħda tiġa fejn is-sorijiet jaf ikun diffiċli li ssir oħra però tista' ssir applikazzjoni sabiex iż-żebra crossing issir pelican crossing. Is-Sindku żied li dan il-ħsieb kollu huwa wkoll marbut mal-bidla fil-passaġġ tat-traffiku fi Triq Żabbar liema studju tiġa għaddej minn Transport Malta.

8.2. Il-Kunsillier Axisa staqsa dwar ix-xogħol li hemm wieqaf fuq Casa Flamini fid-dawl li l-ħadid li tpoġġa għadu hemm. Is-Sindku fakkar li wara li kienu saru bosta ilmenti mill-Kunsill li l-ħajt kien fi stat perikoluż, l-Awtorità tal-Artijiet għamlet blokok tal-konkos sabiex tipproteġi l-ħajt milli jaqa. Kompla li riċentement is-Segretarju Eżekuttiv kien talab *update* tax-xogħol però ma kienx hemm risposta. Il-membri qablu li jintalab *reminder* u jekk ma jkunx hemm risposta tintbagħat ukoll ittra bl-avukat.

8.3. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar ix-xogħolijiet tal-Pjazza. Is-Sindku qal li sa issa sar xogħol fuq il-manhole ta' fuq li hija lesta u jonqos li ssir ta' isfel. Kompla li issa ser jeħlu l-bollards tad-dawl fil-ġimgħat li ġejjin. Dwar it-triq is-Sindku informa lill-membri li talab li ssir laqgħa dwar l-art tal-pjazza, liema laqgħa ġiet skedata mis-Segretarju Permamenti tal-Ministeru għall-aħħar tax-xahar.

8.4. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar in-nuqqasijiet fil-knis. Is-Sindku qal li l-knis suppost isir bi skeda li hemm ukoll fit-tender. Huwa kompla li dwar dawn in-nuqqasijiet saru laqgħat mal-kuntratturi fejn kienu wkoll infurmati bl-applikazzjoni tal-multi f'każ li jibqgħu jinstabu nuqqasijiet u jidher li hemm ċaqliqa fis-servizz.

8.5. Il-Kunsilliera staqsiet dwar xogħolijiet ta' manutenzjoni fi Ġnien St. Ubaldeska. Is-Sindku qal li huwa ppjanat li isir ix-xogħol wara li jitlesta Ġnien Lorry Sant.

8.6. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar il-possibbiltà ta' ħasil tat-toroq mill-ħmieġ tal-ħamiem. Is-Sindku qal li din problema li issa kibret u għalhekk għaddej il-proġett li permezz tiegħu qed ikun limitat it-tkattir tal-istess ħamiem. Huwa żied li sfortunatament jekk wieħed jaħsel, f'jumejn jerġa jitħammeġ u għalhekk l-aħjar huwa li l-popolazzjoni tal-ħamiem tkun kontrollata.

8.7. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar l-applikazzjonijiet marbuta mal-korsijiet tat-tfal tal-informatika. Is-Sindku qal li l-programm ġie kanċellat minħabba nuqqas ta' applikazzjonijiet.

8.8. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet x'ser isir mill-green wall tal-pjazza. Is-Sindku qal li sfortunatament il-materjal li intuża ma rnexxiex u għalkemm saru ħafna sforzi l-ħamrija bdiet tinxef mal-ewwel u jkun aktar għaqli jekk jinqala. Is-Sindku żied illi l-ħsieb oriġinali tiegħu kien li l-green wall isir fil-green corridor.

8.9. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar l-andament tal-applikazzjoni ta' Ġnien il-Mediterran. Is-Sindku qal li għadna qed nistennew l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex isir ix-xogħol, hekk kif partijiet mill-ġnien huma devoluti lill-MCAST. Huwa żied li irrispettivament mill-ħsibijet tal-Mcast sakemm huwa jkun Sindku l-ġnien mhux ser jintmess.

8.10. Il-Kunsillier Camilleri staqsa dwar il-ħajt li infetaħ fil-*green corridor*. Is-Sindku kompla li sar rapport lill-Pulizija kif ukoll sar proċess mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex tinvestiga l-każ.

8.11. Il-Kunsillier Camilleri staqsa wkoll meta ser isiru l-linji tal-parkeġġ fi Triq Bormla. Is-Sindku qal li hemm laqgħa skedata mal-Infrastruttura Malta għax kif beda ix-xogħol kien hemm żbalji fil-pjanti hekk kif kienet ser issir iż-żebgħa skond kif kienet qabel it-triq meta kienet two-way.

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 40 għas-somma ta' €68,256.37.

## 10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:00pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 28 ta' Settembru 2022.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 28 ta' Settembru 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |